AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2007/887/PESK

ta' l-20 ta' Diċembru 2007

li tħassar l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK tat-18 ta' Lulju 2005 dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16 (2) tagħha,

Billi:

(1) Bl-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK, l-Unjoni Ewropea stabbiliet azzjoni ċivili-militari sabiex tappoġġa lill-Missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja ("AMIS/AMISOM").

(2) Skond ir-Riżoluzzjoni 1769 (2007) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Operazzjoni ta' l-Unjoni Afrikana/NU fid-Darfur (UNAMID) hija li tittieħed l-awtorità minn AMIS mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2007.

(3) L-Azzjoni ta' Appoġġ ta' l-UE AMIS/AMISOM għandha tingħalaq meta l-awtorità tiġi trasferita lill-UNAMID, u jittieħdu l-miżuri meħtieġa għal-likwidazzjoni ta' l-Azzjoni ta' Appoġġ ta' l-UE,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK hija b'dan imħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. NUNES CORREIA

[1] ĠU L 188, 20.7.2005, p. 46. Azzjoni Konġunta kif emendata mill-Azzjoni Konġunta 2007/245/PESK (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 65).